MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 109/2015

**Easylife TV Direct Company Limited u**

**Easylife Services Limited**

**vs**

**Omajco Cleaners Limited u**

**Eximus Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetajiet attrici tas-6 ta' Frar 2015 li jghid hekk:

1. Illi b'sentenza fl-ismijiet Easylife TV Direct Company Limited et vs Omajco Cleaners Limited et, rikors guramentat number 975/13MC, u liema sentenza ghaddiet in gudikat, dik l-Onorabbli Qorti kienet laqghat it-talbiet kollha tas-socjetajiet rikorrenti f'dik il-kawza, hlief ghal

uhud minnhom wara li ddikjarat “illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimati uzaw il-kliem Easy Life fuq il-kaxxa tal-prodott taghhom li huwa simili jekk mhux identiku ghat-trademark tar-rikorrenti fir-rigward ta' oggetti (barmil bil-mop) li dwarhom it-trademark hi registrata. L-intimati m'ghandhom trademark simili registrata fuq isimhom hawn Malta. Gew ezebiti kaxxex li r-rikorrenti, tramite l-haddiema taghha, xtrat minghand l-intimati, anke wara li giet ipprezentata din il-kawza. L-intimati kienu qed jirreklamaw dan il-barmil bil-mop fuq it-TV u jbieghhom fil-hwienet, fil-Qrendi, fi G'Mangia u fit-Trade Fair. Ir-rikorrenti ndunaw bl-ispaccar ta' dan il-prodott minghand l-intimati jew fil-hwienet li kellhom il-prodotti taghhom u billi hargu difetti fil-prodott u l-isem fuq il-kaxxa tal-prodott kien ta' Easy Life, li hija d-ditta tar-rikorrenti, huma marru ghand ir-rikorrenti u xi nies insistew li jiehdu flushom lura u ohrajn li ssir tiswija b'xejn billi kellhom il-garanzija. Dawn in-nies anke bdew jheddu lir-rikorrenti li jaghmlulhom reklam hazin. Illi ghalhekk jirrizulta li kien hemm konfuzjoni min-naha tal-pubbliku bl-assocjazzjoni tal-prodott li xtraw minghand l-intimati mat-trademark tar-rikorrenti li kkawzatilhom nuqqas ta' bejgh u danni."

2. Iddikjarat ukoll din il-Qorti fis-sentenza fuq citata:

"illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta rikorrenti apparti reklamar, qed tivvanta drittijiet fuq it-trade mark fuq isem taghha registrat bhala Easylife u gie pruvat li dan l-istess isem qed jintuza illegalment mill-intimati fuq prodott taghhom li hu simili ghal dak li timporta s-socjeta rikorrenti".

3. Illi dik il-Qorti ddecidiet ukoll illi l-intimati kienu "importaw u spaccaw dan il-prodott fis-suq lokali meta kienu jafu li fuq il-prodott taghhom kellhom l-isem Easylife u li huma kienu konsapevoli li dan kien isem l-isem tad-ditta rikorrenti li kienet tirriklama u tbiegh bhala l-istess generu ta' prodotti fuq isimha. Il-fatt li dan il-gie minn barra kif inhu ma jiggustifikax lill-intimati li jispaccaw dan il-prodott u jiksru d-drittijiet intellettwali tar-rikorrenti u joholqu konfuzjoni fis-suq".

4. Illi kompliet iddecidiet dik il-Qorti, wara illi li s-socjetajiet intimati kienu ssottomettew illi l-uzu da parti taghhom tal-kliem "Easylife" ta' liema kliem l-esponenti ghandhom l-uzu esklussiv billi wkoll ghandhom trademark irregistrat mis-sena 2004 u liema trademark huwa mgedded sas-sena 2024 ... ai termini tal-Kap. 488 u 416 tal-Ligijiet ta' Malta, "tant hu insinjifikanti tenut kont tal-get up kollu tal-kaxxa tal-mop li ma johloq l-ebda konfusjoni f’mohh il-konsumatur normali":

"illi l-provi migjuba quddiem din il-Qorti invece juru mod iehor. Gie spjegat kif diversi klijenti kien marru ghand ir-rikorrenti ghax rawh prodott fih l-isem Easy Life li hu l-isem registrat tal-kumpanija tar-rikorrenti u kif din spjegat li kien difficli hafna ghaliha li tispjega lin-nies li marru ghandha li ma kinitx hija li impurtathom".

5. Illi kif jidher mill-kontenut tad-diversi dikjarazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti fid-decizjoni fuq riferita, m'ghandhom ihallu l-ebda dubju li bl-agir taghhom is-socjetajiet intimati kisru b'mod

mill-izjed ovvju l-ligijiet tal-pajjiz kemm dawk civili kif ukoll dawk kriminali ghad-dannu tas-socjetajiet rikorrenti b'mod illi kkagunawlhom danni ngenti nkluzi danni ta' telf ta' profitti fost danni ohra kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza liema danni huma ndikati skond il-kalkoli mahduma mill-accountant tas-socjetajiet rikorrenti fil-prospett hawn anness u mmarkat dokument KG1.

6. Illi d-danni ndikati fil-prospett imsemmi fil-paragrafu precedenti huma limitati, skond dak il-prospett sad-data ta' meta nfethet l-ewwel kawza sabiex dawn id-danni ghadhom qed jigu sofferti mis-socjetajiet rikorrenti sal-gurnata tal-lum kif ukoll sal-gurnata li din il-Qorti tghaddi biex tillikwidhom, jekk ikun il-kaz fis-sentenza taghha.

7. Illi ghal riferiment izjed facli kif ukoll a skans ta' repetizzjoni s-socjetajiet rikorrenti qieghdin jannettu ma’ dan ir-rikors kopja tas-sentenza imsemmija fil-paragrafu 1. supra liema sentenza qed tigi hawn anness u mmarkata dokument KG2 kif ukoll ir-rikors promotur bid-dokumenti annessi mal-istess. Dan ir-rikors qed jigi hawn anness u mmarkat dokument KG3.

8. Illi s-socjetajiet intimati huma unikament responsabbli ghal dawn id-danni u ghalkemm interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghal dawn id-danni baqghu u ghadhom inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dak ir-rikors ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjetajiet intimati huma unikament responsabbli ghad-danni kollha li soffrew u ghadhom issofru s-socjetajiet rikorrenti minhabba l-uzu illegali da parti taghhom, ghal dawn l-ahhar snin, tal-isem Easylife ossia Easy Life liema isem ilu jigi uzat esklussivament mis-socjetajiet rikorrenti oltre illi gie wkoll irregistrat kif ghadu bhala trademark taht il-provvedimenti tal-Kap. 488 u 416 tal-Ligijiet ta' Malta liema agir gie ppruvat li sar tant illi l-istess gie kkonfermat bis-sentenza fuq riferita.

2. Tillikwida dawn id-danni, fosthom danni konsistenti f'telf ta' profitti, fi spejjez ta' advertising, spejjez ohra inkorsi mis-socjetajiet rikorrenti konsistenti f'telf tal-isem minnhom stabbilit ghal madwar 15-il sena u maghruf ghal prodotti ta' kwalita tajba fis-suq, oltre danni ohra u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Konsegwentement tikkundana lis-socjetajiet intimati jhallsu lil dawk rikorrenti in linja ta' danni dak ammont li jigi hekk likwidat.

4. Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet intimati li minn issa l-ufficjali taghhom huma ngunti ghas-subizzjoni, dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 85/15 fl-istess ismijiet u li gie ntavolat fl-20 ta' Jannar 2015 bl-ispejjez extra gudizzjarju li s-socjetajiet rikorrenti nkorrew u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lilhom ghal danni ulterjuri mid-data tal-intavolar ta' dawn il-proceduri sad-data tal-pagament effettiv.

Rat li r-risposta guramentata tas-socjetajiet konvenuti li tghid hekk:

1) Illi preliminarjament l-esponenti jeccepixxu n-nullita tat-talbiet attrici hekk kif imposti, inkwantu r-rikorrenti qatt ma jistghu jipprocedu mill-ewwel ghal-likwidazzjoni, kundanna u hlas ta' danni allegatament sofferti minnhom minhabba l-allegat "uzu illegali da parti [tal-esponenti]" tal-isem "Easylife" minghajr ma jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-ewwel u qabel kollox issib li l-esponenti ikkommettew xi illegalita (liema talba tkun eventwalment ferm ikkontestata) a dannu tal-istess rikorrenti. Dan jinghad ukoll stante li s-sentenza ikkwotata mir-rikorrenti bhala l-bazi tal-azzjoni taghhom mhija sentenza xejn u hija biss digriet li laqa' rikors propost mir-rikorrenti u l-istess digriet huwa dikjaratament biss digriet prima facie. Fl-istess digriet dina l-Onorabbli Qorti hekk kif presjeduta ghamlitha cara li qed tiddeciedi prima facie u li ghad trid issir il-kawza fil-mertu;

2) IIli inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna giet intavolata fuori termine u dana stante li l-azzjoni fil-mertu kellha ssir fi zmien wiehed u tletin (31) gurnata mid-data ta' meta dina l-Onorabbli Qorti tat id-digriet taghha tal-11 ta' Dicernbru 2014, u dan kif jistipula l-artikolu 8(5) tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk qed jigi intavolat rikors ad hoc fl-atti tal-proceduri bin-numru 975/2013 ai termini tal-istess artikolu. Illi gjan ladarba l-mizuri provizorji ormai skadew minhabba omissjoni tar-rikorrenti, l-esponenti izommu ferm id-drittijiet taghhom li jitolbu kumpens ai termini tal-artikolu 8(7) tal-Kap. 488;

3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, sejrin jergghu jitqajjmu s-segwenti risposti li gja tqajmu fi stadju tad-digriet surreferit, u dan bl-ebda disprezz lejn l-Awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti li diga indagathom fuq livell ta' prima facie, izda sabiex dawna jigu investiti funditus fil-mertu f'din l-istanza:

i) Illi in linea preliminari ukoll is-socjeta esponenti Eximus Services Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma spaccatx il-mobbli mertu ta' din il-vertenza;

ii) Illi l-isem 'easylife' stampat fuq il-kaxxa ma hijiex l-istess bhal dik tas-socjeta rikorrenti, anzi hemm differenza notevoli u l-ebda somiljanza;

iii) Illi l-uzu tal-kliem 'easylife' tant hu insinifikanti tenut kont tal-get up kollu tal-kaxxa tal-mop li ma johloq l-ebda konfuzjoni f'mohh il-konsumatur normali;

4) Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti ma kkommettew l-ebda illegalita u illi in ogni kaz ma jezistux l-elementi tal-azzjoni proposta mir-rikorrenti;

5) Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova inkonfutabbli u reali tad-danni minnhom reklamati;

6) Risposti ulterjuri riservati.

B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti u bl-ispejjez kontra s-socjetajiet rikorrenti, ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat l-atti u noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghad-danni ghal vjolazzjoni ta' drittijiet intellettwali in konsegwenza ghad-decizjoni li nghatat minn din l-istess Qorti kfi preseduta fil-11 ta' Dicembru 2014 fl-istess ismijiet (Rikors 975/2013).

L-eccezzjoni tal-konvenuti fil-qosor hi illi d-decizjoni li inghatat fir-rikors 975/2013 ma kinitx sentenza izda provvediemnt tal-Qorti fuq talbiet tar-rikorrenti a bazi ta' dak li jiddisponi l-Kap. 488 dwar mizuri provvizjorji li jistghu jinghataw pendenti ezitu tal-mertu rigward allegat vjolazzjoni ta' drittijiet intellettwali.

Din il-kwistjoni trid tigi trattata l-ewwel qabel il-Qorti tikkunsidra t-tieni eccezzjoni li hi l-konsegwenza naturali jekk fil-fatt id-decizjoni tal-Qorti fir-rikors 975/2013 kienet digriet jew provvediment u mhux sentenza.

Id-decizjoni tal-Qorti fil-proceduri 975/2013 kienet fil-fehma ta' din il-Qorti, digriet jew provvediment u mhux sentenza. Jibda biex jinghad illi l-proceduri tal-atti 975/2013 inbdew f'forma ta' rikors semplici u mhux rikors guramentat. Dan gia juri li l-intenzjoni tal-atturi odjerni, l-istess atturi fil-proceduri 975/2013 kienet li jitolbu provvedimenti provvizorji tal-Qorti ai termini tal-artikoli 6 u 8 tal-Kap. 488, tant li huma stess fl-ewwel talba isemmu l-hrug ta' digriet.

Din l-istess Qorti fil-fatt ipprocediet biex tisma' provi dwar dritt prima facie qabel ma ghaddiet biex hadet provvedimenti li huma klassifikati bhala provvizjorji jew prekawzjonali mill-Kap. 488 senjatament l-artikoli 6 u 8 u fil-fatt il-provvedimenti moghtija jaqghu kollha fl-ambitu tal-artikoli 6 u 8 tal-istess Kap. 488. Il-Qorti keient cara bizzejjed illi astjeniet milli tiehu konjizzjoni mis-6 sal 10 talbiet fir-rikors tas-socjetajiet rikorrenti billi kif irriteniet l-istess Qorti, dawn iridu jigu ezaminanti meta jigi deciz il-mertu tal-kaz. Il-Qorti ghalhekk kienet konsistenti mal-premessi u talbiet kontenuti fir-rikors u stabbiliet biss il-jedd prima facie biex tkun f'pozizzjoni li taghti u timponi mizuri fuq is-socjetajiet intimati ta' natura provvizjorja sakemm jigi deciz il-mertu.

Dan il-provvediment ma giex appellat jew attakkat u jaghmel stat bejn il-partijiet, billi ebda sentenza ma inghatat fuq il-jedd ta' dritt intellettwali b'mod definittiv kif allegat mir-rikorrenti, atturi f'din il-kawza pendenti issa quddiem din il-Qorti.

La darba hu stabbilit illi d-decizjoni tal-Qorti fil-proceduri 975/2013 kien provvediment jew digriet provvizorju ta' natura kawtelatorja ai termini tal-Kap. 488, allura l-konvenuti f'din il-kawza ghandhom ragun jissottomettu illi ma jistghux jintalbu danni qabel jigi definittivament stabbilit id-dritt intellettwali u l-vjolazzjoni tieghu, liema talba ma saritx mill-atturi.

L-artikoli 6 u 8 tal-Kap. 448 jaghtu d-dritt lill-atturi li jintavolaw azzjoni ghal vjolazzjoni ta' dritt intellettwali a bazi tal-provvediemnt li inghata fil-11 ta' Dicembru 2014, fi zmien wiehed u tletin gurnata mill-provvediemnt biex b'hekk jippreservaw id-drittijiet kawtelatorji konnessi. Pero din il-kawza prezenti apparti li saret fis-6 ta' Frar 2015 cioe oltre l-wiehed u tletin gurnata, tali kawza ma tistax tigi salvata fil-mertu, bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-konvenuti rigward l-effetti tal-provvedimenti tal-11 ta' Dicembru 2014, ghaliex ebda talba ghal ksur tad-dritt intellettwali ma saret biex taghti lok ghat-talbiet konsegwenzjali ta' danni.

Dan mhux kaz ta' nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' responsabilta li hi sanabbli skond il-gurisprudenza l-aktar ricenti izda kaz fejn il-Qorti tat provvedimenti ta' natura kawtelatorja fuq bazi prima facie, li ghandu similjanza ma' mandat kawtelatorju fejn allura l-mertu hu impregudikat u jrid isir pronunzjament mill-Qorti dwar <u>id-dritt innifsu</u> (ara **Michael Axisa noe vs Grazio Patiniott noe**, PA 21/03/1996).

Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti illi t-talba attrici hi irritwali u inammissibbli bil-mod kif saret ghax mhix preceduta minn premessi u talbiet rigward id-dritt intellettwali allegatament ivvjolat li l-Qorti ma ghandhiex dritt tassumih jew tiddeciedih hi. Il-kawza attrici hi ibbazata fuq il-premessa zbaljata li l-ksur intellettwali gia gie stabbilit u ghalhekk il-kawza hi biss ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni. Dan mhux il-kaz u l-Qorti ma tistax tarreka ghaliha diskrezzjoni li tinferixxi talbiet li ma jirrizultawx anzi a priori eskuzi mill-istess atturi bil-mod kif impostaw il-kawza.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens li tiddikjara l-kawza attrici bhala iritwali u inammissibbli ghax hi biss talba ghad-danni konsegwenti ghal sentenza fil-mertu fuq drittijiet intellettwali tal-atturi liema sentenza qatt ma inghatat ghax ebda talba qatt ma saret f'dan is-sens u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghad-danni kif

dedotta filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni ghax ma hix rilevanti ghall-fattispecie tal-kaz tenut kont li intlaqghet l-ewwel eccezzjoni. Spejjez ghall-atturi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------